MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 139/2015

**Christine Borda**
**ID. 375073M**

**Vs**

**Joseph Borda**
**ID. 55574M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta’ Frar, 2015 fejn l-attrici talbet l-esponenti titlob illi l-konvenut jigi `kkundannat ihallasha is-somma ta` mhux minn tlett elef erba’ mija erbgha u disghin ewro u sitt centemzi (€3,494.06) rapprezentanti kumpens ghall-okkupazzjoni bla jedd da parti tal-konvenut tal-fond 52, 54, ‘Arzella’, Triq il-Katakombi, Marsacsala bejn il-perjodu ta’ nhar l-4 ta’ Ottubru, 2012 sad-data li fiha gie effettivament zgumbrat permezz ta’ mandate ta’ zgumbrament. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali. Il-konvenut huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut ipprezenta r-risposta tieghu fit-30 ta’ Marzu, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandha tipprova li hija kienet il-proprjetarja' tal-fond 52, 54, Arzell, Triq il-Katakombi, Marsascala fil-perjodu ta' bejn l-4 ta' Ottubru, 2012 u d-data li fiha gie zgumbrat l-esponent, u jekk jirrizulta li l-esponent kellu drittijiet fuq dan il-fond fl-imsemmi perjodu, t-talba attrici ghandha tigi michuda.
2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u l-esponent m'ghandu jaghti l-edba kumpens ghall-okkupazzjoni tal-fond *de quo* lir-rikorrenti;
3. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tipprezenta prospett tal-kumpens li qed tippretendi permezz ta' dina l-kawza.
4. Illi l-eccipjent m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permess mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

F'din it-talba xehdu l-partijiet fejn spjegaw illi wara li huma sseparaw kienu `ppruvaw ibieghu d-dar matrimonjali fis-suq pero dan ma sehhx u d-dar inbieghet b'subbasta. Id-dar inxtrat mill-attrici Christine Borda. Pero' gara illi kien hemm intopp bit-taxxa peress illi l-attrici sostniet li ma kelliex thallas it-taxxa mentri l-Kummissarju tat-Taxxa baqgha jsostni illi din kellha tithallas. Filfatt infethet kawza fuq dan il-punt liema kawza ghadha pendent. Ghalhekk l-att finali sabiex l-attrici tigi registrata bhala sid id-dar ghadhu mhux konkluz u dan nonostante illi l-liberazzjoni saret fl-4 ta' Ottubru.

Gialadarba saret biss il-liberazzjoni u ghadhom ma sarux l-atti kollha necessarji sussegwenti l-liberazzjoni allura ma jistax jghid li l-attrici hija s-sid unika tal-fond ghaliex fil-fatt dan il-fond ghadu jghajjat ukoll lir-ragel.

Illi dan iwassalna ghall-argument jekk il-mara tistax titlob kumpens minghang ir-ragel dwar fond ghadu jghajjat lir-ragel.

Il-fehma tat-Tribunal hija li darba l-fond ghadu ma tnehhiex minn fuq isem il-konvenut allura ma tistax l-attrici titlob kumpenss minghand l-konvenut ta' dan il-perjodu.

It-Tribunal ghal dawn il-motivi jaqta u jiddecidi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut pero' jichad ir-raba eccezzjoni u jichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------